SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

14 ta' Ottubru 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta' appoġġ dirett – Regoli komuni – Skema ta' pagament uniku – Regolament (KE) Nru 1120/2009 – Artikolu 2(ċ) – Definizzjoni ta' 'mergħat permanenti' – Newba tal-uċuħ tar-raba' – Għargħar naturali u perjodiċi ta' mergħat u ta' bwar li jinsabu f'żona speċjali ta' protezzjoni tan-natura"

Fil-Kawża C-373/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Szczecinie (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Szczecin, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ġunju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Awwissu 2020, fil-proċedura

**A.M.**

vs

**Dyrektor Z. Oddziału Regionalnego Agencji Restrukturyzacji i Modernizacji Rolnictwa,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn I. Ziemele (Relatriċi), Presidenta tas-Sitt Awla, li qiegħda taġixxi bħala Presidenta tas-Seba' Awla, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal A.M., minnu nnifsu,

– għad-Dyrektor Z. Oddziału Regionalnego Agencji Restrukturyzacji i Modernizacji Rolnictwa, minn J. Goc-Celuch, radca prawny,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kaduczak u A. Sauka, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠU 2009, L 316, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn A.M., bidwi, u d-Dyrektor Z. Oddziału Regionalnego Agencji Restrukturyzacji i Modernizacji Rolnictwa (id-Direttur tad-Dipartiment Reġjonali tal-Aġenzija għar-Ristrutturazzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura), fir-rigward tad-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jirrifjuta lil A.M. il-benefiċċju ta' ċerti pagamenti agro-ambjentali u li jordnalu jħallas lura ammonti diġà mħallsa f'dan ir-rigward, minħabba li dan il-bidwi kien ipprattika newba tal-uċuħ tar-raba' wara l-għarqa jew it-tgħaddis tal-artijiet ikklassifikati bħala "mergħat permanenti", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Ir-Regolament Nru 1698/2005*

3 L-Artikolu 50a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2010, L 286M, p. 26, rettifika fil-ĠU 2012, L 206, p. 23), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 (ĠU 2009, L 30, p. 100) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1698/2005"), intitolat "Rekwiżiti ewlenin", kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Benefiċjarju li jirċievi pagamenti taħt l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), (iv) u (v) għandu jirrispetta, rigward l-azjenda sħiħa, ir-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba previsti fl-Artikoli 5 u 6 ta', u fl-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 [tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7)]".

4 Ir-Regolament Nru 1698/2005 tħassar bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2013, L 347, p. 487).

*Ir-Regolament Nru 73/2009*

5 Il-premessa 7 tar-Regolament Nru 73/2009 tipprovdi li:

"Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269)] irrikonoxxa l-effett ambjentali pożittiv ta' mergħat permanenti. Il-miżuri f'dak ir-Regolament li immirati biex tkun imħeġġa l-manutenzjoni ta' mergħat permanenti eżistenti biex jiġi żgurat kontra konverżjoni massiva f'art li tinħarat għandhom jinżammu."

6 L-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament Nru 73/2009 kienu jinsabu fil-Kapitolu 1, intitolat "Kundizzjonalità", tat-Titolu II tiegħu, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-pagamenti diretti", u kienu jirrigwardaw ir-rekwiżiti li kull bidwi li jirċievi pagamenti diretti kellu josserva.

7 L-Anness II tar-Regolament Nru 73/2009, intitolat "Rekwiżiti amministrattivi statutorji msemmija fl-Artikoli 4 u 5", kien isemmi b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol.2, p. 102).

8 L-Anness III ta' dan ir-regolament, intitolat "Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6", kien jipprevedi b'mod partikolari, fir-rigward tal-livell minimu ta' manutenzjoni, il-ħtieġa li jinżammu l-elementi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn xieraq, il-hedges, l-għadajjar, it-trinek għall-ilma, is-siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni tal-għelieqi.

9 Ir-Regolament Nru 73/2009 tħassar bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni (ĠU 2013, L 347, p. 608).

*Ir-Regolament Nru 1120/2009*

10 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1120/2009, intitolat "Definizzjonijiet", kien jipprovdi:

"Għall-finijiet tat-Titolu III tar-Regolament [Nru 73/2009] u ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

ċ) 'mergħat permanenti' tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar, minbarra art imserrħa […]; u għal dan l-iskop, 'ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali' tfisser il-pjanti erbaċej

kollha li tradizzjonalment jinsabu f'mergħat naturali jew huma normalment inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għal mergħat jew imraġ fl-Istat Membru (kemm jekk jintużaw biex jirgħu l-annimali jew le). L-Istati Membri jistgħu jinkludu uċuħ ta' raba' li jinħarat elenkati fl-Anness I;

[…]".

11 Ir-Regolament Nru 1120/2009 tħassar bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament Nru 1307/2013 u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1).

### *Id-dritt Pollakk*

12 L-Artikolu 5 tal-Ustawa o wspieraniu rozwoju obszarów wiejskich z udziałem środków Europejskiego Funduszu Rolnego na rzecz Rozwoju Obszarów Wiejskich w ramach Programu Rozwoju Obszarów Wiejskich na lata 2007-2013 (il-Liġi dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali fi ħdan il-programm ta' żvilupp rurali għall-perijodu 2007-2013), tas-7 ta' Marzu 2007 jipprovdi:

"1. Il-programm għandu jiġi implimentat fit-territorju Pollakk u għandu jinkludi l-miżuri li ġejjin:

[…]

14) programm agro-ambjentali;

[…]".

13 L-Artikolu 18a ta' din il-liġi jipprevedi:

"Meta l-għoti tal-għajnuna jkun suġġett għar-regoli u l-kriterji ta' kundizzjonalità msemmija fir-regolament [Nru 73/2009] […], u fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni adottati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, 'regoli u kriterji' għandhom ifissru dawk iddefiniti fid-dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ dirett."

14 L-Artikolu 1 tar-Rozporządzenie Ministra Rolnictwa i Rozwoju Wsi w sprawie szczegółowych warunków i trybu przyznawania pomocy finansowej w ramach działania „Program rolnośrodowiskowy" objętego Programem Rozwoju Obszarów Wiejskich na lata 2007-2013 (ir-Regolament tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp rurali dwar il-modalitajiet u l-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja fi ħdan il-miżura "Programm agro-ambjentali" taħt il-programm ta' żvilupp rurali għall-perijodu 2007-2013), tat-13 ta' Marzu 2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament agro-ambjentali"), jinqara kif ġej:

"Dan ir-regolament jiddefinixxi l-modalitajiet u l-proċeduri ta' għoti, tal-pagament u tar-rimbors tal-għajnuna finanzjarja (iktar 'il quddiem imsejħa "pagament agro-ambjentali"), mogħtija bis-saħħa tal-miżura 'programm agro-ambjentali' li taqa' taħt il-programm għall-iżvilupp rurali għall-perijodu 2007-2013 (iktar 'il quddiem il-'programm'), u b'mod partikolari:

[…]

5) il-mod li bih tiġi evalwata l-importanza tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità msemmija fl-Artikolu 54(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 [tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3)], […], fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti minimi għall-użu ta' fertilizzanti u ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

6) il-perċentwali ta' tnaqqis tal-pagament agro-ambjentali skont l-evalwazzjoni tal-importanza tan-nuqqas ta' osservanza li tkun ġiet ikkonstatata, kif ukoll il-każijiet ta' nuqqas ta' osservanza meqjusa bħala minuri, imsemmija fl-Artikolu 24(2) tar-regolament [Nru 73/2009];

[…]".

15 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jinqara kif ġej:

"1. Jingħata pagament agro-ambjentali lil bidwi, fis-sens tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 73/2009 (iktar 'il quddiem il-"bidwi"), jekk:

[…]

3) huwa jimplimenta impenn favur l-agro-ambjent ta' tul ta' ħames snin, previst fl-Artikolu 39 tar-Regolament [Nru 1698/2005] (iktar 'il quddiem l-"impenn agro-ambjentali"), li jinkludi rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-preskrizzjonijiet bażiċi, fil-kuntest ta' pakketti speċifiċi u tal-varjanti tagħhom, skont il-pjan ta' azzjoni agro-ambjentali;

[…]".

16 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. L-impenn agro-ambjentali jiġi implimentat fil-kuntest ta' pakkett wieħed jew iktar mill-pakketti li ġejjin:

[…]

2) Pakkett 2: Agrikoltura Organika;

3) Pakkett 3. Mergħat permanenti estensivi;

[…]

2. Bidwi li jimplimenta impenn agro-ambjentali:

1) iżomm fl-azjenda agrikola l-mergħat permanenti – fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament [Nru 1120/2009] (iktar 'il quddiem il-'mergħat permanenti') – eżistenti fuq l-imsemmija azjenda u identifikati fil-pjan ta' attività agro-ambjentali, kif ukoll l-elementi tal-pajsaġġ agrikolu mhux użati għal finijiet agrikoli li jikkostitwixxu refuġji għall-fawna selvaġġa, eżistenti fuq l-imsemmija azjenda u identifikati fl-imsemmi pjan;

[…]".

17 L-Artikolu 38(6) tal-istess regolament jipprevedi:

"Jekk il-bidwi ma jkun żamm l-ebda mergħa permanenti jew element tal-pajsaġġ agrikolu mhux użat għal finijiet agrikoli eżistenti fl-azjenda u identifikat fil-pjan ta' attività agro-ambjentali, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4(2), il-pagament agro-ambjentali li jkun dovut lil dan il-bidwi sal-ammont imnaqqas b'20 % fis-sena li fiha jkun ġie kkonstatat dan in-nuqqas."

18 L-Anness 3 tar-Regolament agro-ambjentali, intitolat "Rekwiżiti għall-pakketti individwali u l-varjanti tagħhom", jinkludi l-preċiżazzjonijiet li ġejjin:

"[…]

II. Pakkett 2. Agrikoltura Organika.

[…]

2) fil-każ ta' implimentazzjoni simultanja fuq l-istess artijiet agrikoli:

Pakkett 3. Mergħat permanenti estensivi – ħsad f'terminu xieraq stabbilit fil-parti III.

[…]

III. Pakkett 3. Mergħat permanenti estensivi.

[…]

2. Rekwiżiti addizzjonali għall-pakkett fil-każ ta' ħsad ta' mergħat permanenti:

[…]".

19 Ir-Rozporządzenie nr 14/2005 Wojewody Zachodniopomorskiego w sprawie Ińskiego Parku Krajobrazowego (ir-Regolament Provinċjali Nru 14/2005 ta' Pommern tal-Punent dwar il-park pajsaġġistiku ta' Ińsko), tas-27 ta' Lulju 2005, jipprovdi, fl-Artikolu 3(1) tiegħu:

"Il-park huwa s-suġġett tal-projbizzjonijiet li ġejjin:

[…]

8) il-mili, ir-radam u t-trasformazzjoni ta' korpi tal-ilma u ta' artijiet mistagħdra;

[…]”

20 Ir-Rozporządzenie nr 36/2005 Wojewody Zachodniopomorskiego w sprawie Ińskiego Parku Krajobrazowego (ir-Regolament Provinċjali Nru 36/2005 ta’ Pommern tal-Punent dwar il-pjan ta’ protezzjoni tal-park pajsaġġistiku ta’ Ińsko), tal-10 ta’ Novembru 2005, jipprevedi, fl-Artikolu 2(1) tiegħu:

“Il-protezzjoni tal-park għandha l-għan li tippreżerva, ixxerred u tippromwovi l-benefiċċji naturali, storiċi u kulturali tiegħu kif ukoll il-karatteristiċi pajsaġġistiċi f’kundizzjonijiet ta’ żvilupp sostenibbli, u b’mod partikolari:

[…]

3) li tikkonserva l-popolazzjonijiet ta’ speċi rari u protetti ta’ faqqiegħ, ta’ pjanti u ta’ annimali kif ukoll il-habitats tagħhom, u b’mod partikolari l-għasafar selvaġġi u l-habitats tagħhom fiż-żona ta’ protezzjoni speċjali tal-għasafar Natura 2000 Ostoja Ińska PLB 320008;

[…]

2. L-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jintlaħqu permezz ta’:

1) il-konservazzjoni u, fir-rigward tal-elementi naturali estinti jew iddeterjorati, ir-restawr:

[…]
ċ) ħażniet forestali li jinsabu f’għelieqi, fit-tarf tat-triq jew tal-ilma, kif ukoll għadajjar li jinsabu f’għelieqi jew foresti,

[…]”.

21 L-Artikolu 3(1) ta’ dan ir-regolament jinqara kif ġej:

“Hemm lok li jiġu identifikati l-kundizzjonijiet naturali li ġejjin għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-għanijiet ta’ protezzjoni tal-park:

[…]

4) iż-żona tal-park tinqasam mil-linja ta’ qsim tal-ilma ta’ bejn il-baċir tal-ilma tax-Xmara Rega u l-baċir tal-ilma tax-Xmara Ina, u l-kważi totalità taż-żona tal-park tinsab fil-baċir fin-naħa tax-Xmara Ina;

[…]

6) il-park jipprovdi bażi għall-habitats naturali elenkati f’erbatax-il kategorija tal-Anness I tad-Direttiva [92/43];

[…]”.

22 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"L-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-mezzi li jippermettu li jiġu eliminati jew imnaqqsa t-theddidiet eżistenti jew potenzjali, interni u esterni, u l-effetti tagħhom, huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt:

[…]

Mezzi li jippermettu li jiġu eliminati jew imnaqqsa t-theddidiet kif ukoll l-effetti tagħhom":

[…]

13 – Implimentazzjoni ta' programmi agro-ambjentali u ta' Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba […] Protezzjoni ta' ħażniet forestali li jinsabu f'għelieqi, għadajjar u ġmiem naturali oħrajn. Kreazzjoni jew estensjoni ta' żoni 'ta' lqugħ' fil-viċinanzi:

korpi tal-ilma ta' wisa' minimu ta' 20 m

[…]

21 – Esklużjoni ta' installazzjonijiet ġodda ta' protezzjoni kontra l-għargħar użati esklużivament għal finijiet ta' drenaġġ. It-titjib taż-żamma tal-ilma permezz tat-tnaqqis tal-fluss tiegħu permezz ta' livelli li jillimitaw il-fluss tal-ilma, abbandun tal-manutenzjoni tal-fosos tad-drenaġġ, […] imblokk tal-fluss tal-ilma ffaċilitat b'apparat ta' drenaġġ fil-ġmiem li jinsabu fl-għelieqi (għadajjar, torbiera u artijiet mistagħdra)".

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

23 Fl-2009, A.M., bidwi, beda jimplimenta impenn favur l-agro-ambjent ta' tul ta' ħames snin għall-perijodu 2009–2013 fil-kuntest tal-pakkett 2 (agrikoltura organika) u 3 (mergħat permanenti estensivi) tal-Anness 2 tar-Regolament agro-ambjentali. Matul il-perijodu 2009–2011, dan il-bidwi rċieva, f'dan ir-rigward, pagamenti għaż-żoni ddikjarati.

24 Fl-2012, l-Awtorità Amministrattiva tal-Ewwel Istanza, fuq talba ta' dan il-bidwi, li kien naqqas iż-żona ddikjarata għall-finijiet tal-pagament minħabba għargħar u għadis fit-tul ta' din iż-żona li pprekludew il-ħsad ta' mergħat u ta' bwar fit-termini stabbiliti, minħabba f'hekk tat lill-imsemmi bidwi pagament imnaqqas.

25 Fl-2013, sena ta' riferiment fil-kuntest tal-kawża prinċipali, A.M. ressaq talba għal pagamenti agro-ambjentali billi ddikjara, fil-kuntest ta' dawn il-pakketti, żoni identiċi għal dawk iddikjarati matul il-perijodu 2009-2011, filwaqt li sostna li t-tnaqqis taż-żona ddikjarata fl-2012 ma setax ikollu effett fuq iż-żona ddikjarata fl-2013, peress li, minn naħa, huwa ma kienx responsabbli għall-għargħar u t-tgħaddis ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, huwa kien ħasad il-mergħat u l-bwar f'data iktar tard minn dik prevista. Fil-fatt, dan il-ħsad seħħ fix-xahar ta' Ottubru 2012, kif ġie kkonfermat mill-ispezzjoni mwettqa mill-Awtorità Amministrattiva tal-Ewwel Istanza fil-15 ta' Ottubru 2012.

26 L-Awtorità Amministrattiva tal-Ewwel Istanza madankollu qieset, fis-sitt deċiżjoni mogħtija dwar il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, li, fir-rigward taż-żona li kienet ġiet suġġetta għall-għargħar u għall-għadis, l-użu kontinwu tal-artijiet bħala mergħat permanenti kien ġie interrott u li, anki jekk kien possibbli li dawn jiġu assenjati mill-ġdid għat-tkabbir agrikolu f'temp ta' żmien relattivament qasir, dawn l-artijiet ma setgħux madankollu jitqiesu li kienu mergħat permanenti, peress li A.M. kien ipprattika newba tal-uċuħ tar-raba', wara l-għargħar u t-tgħaddis ta' artijiet ikklassifikati bħala mergħat permanenti.

27 Wara rikorsi mingħajr suċċess ippreżentati quddiem l-Awtorità Amministrattiva tat-Tieni Istanza, A.M. adixxa lill-qorti tar-rinviju, il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Szczecinie (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Szczecin, il-Polonja), fejn invoka b'mod partikolari ksur tal-Artikolu 2 (c) tar-Regolament Nru 1120/2009.

28 Din il-qorti tirrileva li d-domanda dwar jekk il-mergħat permanenti jitilfux il-karatteristiċi u l-iskop tagħhom meta jkunu suġġetti għan-newba tal-uċuħ tar-raba', kif interpretata mill-korpi nazzjonali, jiġifieri meta jkunu suġġetti għal għargħar jew għal tgħaddis, ma hijiex nieqsa minn inċertezza.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Szczecinie (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Szczecin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-interpretazzjoni mill-korpi nazzjonali tad-definizzjoni ta' "mergħat permanenti" li tinsab fl-Artikolu 2(ċ) tar-[Regolament Nru 1120/2009] – fis-sens li l-għargħar naturali perjodiċi ta' mergħat u ta' bwar li jinsabu f'żona ta' protezzjoni ambjentali speċjali (sit ta' Natura 2000; il-park pajsaġġistiku ta' Ińsko) jirriżultaw fl-issuġġettar ta' dawn l-artijiet għall-hekk imsejħa "newba tal-uċuħ tar-raba'" u jagħtu lok għall-interruzzjoni tal-perijodu ta' ħames snin (jew iktar) ta' nuqqas ta' ssuġġettar għal din in-"newba tal-uċuħ tar-raba'", li konsegwentement jikkostitwixxi wkoll bażi għat-tneħħija jew għal-limitar tal-ħlas agro-ambjentali lill-bidwi, kif ukoll għal konsegwenzi finanzjarji oħra marbuta mal-interruzzjoni tal-kontinwità tal-perijodu ta' ħames snin għat-twettiq tal-programm agro-ambjentali, hija korretta?"

## Fuq id-domanda preliminari

30 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li huma eskluży mid-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mergħat jew bwar li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali u li jkunu suġġetti għal għargħar jew għal tgħaddis naturali u perjodiċi, minħabba li tali għargħar jew għadis iwasslu għal "newba tal-uċuħ tar-raba'" tal-artijiet ikkonċernati, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

31 Skont l-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009, il-"mergħat permanenti" jiġu ddefiniti bħala "art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar, minbarra art imserrħa".

32 Kif jirriżulta mill-formulazzjoni ta' din id-definizzjoni, għandhom jiġu mħarsa żewġ kundizzjonijiet sabiex artijiet ikunu jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni: minn naħa, dawn l-artijiet għandhom jintużaw għat-tkabbir ta' għalf fil-forma ta' ħaxix naturali; min-naħa l-oħra, l-imsemmija artijiet ma għandhomx jagħmlu parti mis-sistema ta' newba tal-uċuħ tar-raba' għal mill-inqas ħames snin.

33 F'dan il-każ, fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, huwa paċifiku li l-artijiet ikkonċernati għandhom jintużaw għat-tkabbir ta' forom ta' ħaxix naturali u li, għaldaqstant, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta.

34 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk huwiex possibbli li jitqies li newba tal-uċuħ tar-raba' tiġi imposta minn għargħar jew għadis naturali u perjodiċi ta' mergħat u bwar li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali. Fil-fatt, kieku dan kien il-każ, ikun hemm lok li jitqies li dawn il-mergħat u dawn il-bwar jiġu esklużi mid-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", imsemmija fl-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009.

35 Għandu jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "newba tal-uċuħ tar-raba'" la huwa ddefinit fir-Regolament Nru 1120/2009, li jiddetermina l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku previsti mit-Titolu III tar-Regolament Nru 73/2009, u lanqas f'dan l-aħħar regolament.

36 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha konformement mat-tifsira normali tagħha fil-lingwa ta' kuljum, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 58, u tad-29 ta' Lulju 2019, Pelham *et*, C-476/17, EU:C:2019:624, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009, għandu jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "newba tal-uċuħ tar-raba'", fis-sens ordinarju tiegħu, jindika prattika agrikola li permezz tagħha wċuħ tar-raba' differenti jinbidlu suċċessivament fl-istess porzjon ta' art matul ċertu perijodu sabiex tinżamm il-fertilità tal-ħamrija u sabiex jitnaqqsu l-effetti kkawżati minn organiżmi ta' ħsara.

38 Issa, ma jistax jitqies li l-għargħar jew it-tgħaddis naturali u perjodiċi ta' mergħat u ta' bwar, *a fortiori* meta jkunu, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, ta' tul limitat, jistgħu jitqiesu li huma "prattika agrikola" bħal din, peress li huma indipendenti mir-rieda tal-bidwi kkonċernat u huma r-riżultat ta' fenomeni naturali u perjodiċi, ta' spiss ftit prevedibbli. Barra minn hekk, tali fenomeni ma jagħtux lok għal suċċessjoni ta' "kultivazzjonijiet" differenti fuq l-istess porzjon ta' art, peress li d-definizzjoni ta' "kultivazzjoni" timplika hija stess, fis-sens ordinarju tagħha, l-azzjoni li tiġi kkultivata l-art għall-finijiet ta' produzzjoni tal-pjanti.

39 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk kienet iddeċidiet, fis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Grund (C-47/13, EU:C:2014:2248, punt 33), li ma jistax ikun hemm "newba tal-uċuħ tar-raba'", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009, ħlief fil-każ ta' tkabbir ta' wiċċ tar-raba' ieħor li ma jkunx għalf fil-forma ta' ħaxix naturali.

40 Kif fakkret ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, dak li huwa importanti għall-klassifikazzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009, huwa l-użu jew l-assenjazzjoni effettiva tal-artijiet ikkonċernati. Min-naħa l-oħra, huma irrilevanti għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni l-bidla fil-varjetà ta' ħaxix jew ukoll

il-proċess tekniku użat, bħall-ħrit jew l-iskarifikazzjoni u ż-żrigħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel, kif ukoll it-tip ta' veġetazzjoni li tkopri ż-żona agrikola kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2014, Grund, C-47/13, EU:C:2014:2248, punt 35, u tat-30 ta' April 2020, Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni (mergħat permanenti), C-797/18 P, EU:C:2020:340, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Issa, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea wkoll jenfasizzaw li, essenzjalment, l-għargħar jew it-tgħaddis naturali u perjodiċi ta' artijiet li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali ma għandhomx, fihom innifishom, effett fuq il-klassifikazzjoni tal-artijiet ikkonċernati bħala mergħa permanenti, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, għalkemm tali fenomeni jista' jkollhom effett fuq il-mument tal-ħsad, huma ma jbiddlux l-assenjazzjoni ta' dawn l-artijiet u lanqas ma jwasslu għal "newba tal-uċuħ tar-raba'", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009. B'mod partikolari, huma bl-ebda mod ma jagħtu lok għat-tkabbir, permezz ta' kwalunkwe proċess tekniku, ta' "kultivazzjoni oħra".

42 Fit-tieni lok, tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, u mill-kuntest li din tal-aħħar tinsab fih.

43 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-premessa 7 tar-Regolament Nru 73/2009 tipprovdi li, minħabba l-effett pożittiv li mergħat permanenti jkollhom fuq l-ambjent, għandhom jiġu adottati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti, sabiex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2014, Grund, C-47/13, EU:C:2014:2248, punt 36, u tad-9 ta' Ġunju 2016, Planes Bresco, C-333/15 u C-334/15, EU:C:2016:426, punt 45).

44 Issa, l-esklużjoni tal-klassifikazzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009, ta' tali artijiet għall-unika raġuni li huma jsofru, perjodikament, minn għargħar jew tgħaddis naturali tmur kontra l-għan ta' tali żamma (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Grund, C-47/13, EU:C:2014:2248, punt 38).

45 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tfakkar li l-protezzjoni tal-ambjent, li tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Unjoni, għandha titqies li hija għan li jagħmel parti mill-politika komuni fil-qasam tal-agrikoltura u li hija, b'mod iktar preċiż, tagħmel parti mill-għanijiet tal-iskema ta' pagament uniku (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Planes Bresco, C-333/15 u C-334/15, EU:C:2016:426, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju enfasizzat li l-mergħat u l-bwar ikkonċernati jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali (sit Natura 2000; park pajsaġġistiku ta' Ińsko; habitats naturali elenkati f'erbatax-il kategorija tal-Anness I tad-Direttiva 92/43). Minn dan isegwi li, kif jenfasizza l-Gvern Pollakk, l-artijiet ikkonċernati huma, minħabba f'hekk, suġġetti għal sensiela ta' restrizzjonijiet li jirriżultaw minn rekwiżiti statutorji.

47 F'dan il-każ, fost dawn ir-restrizzjonijiet, hemm dawk previsti fl-Artikolu 50a(1) tar-Regolament Nru 1698/2005, li jgħid li kull benefiċjarju li jirċievi b'mod partikolari pagamenti "Natura 2000" għandu josserva, fl-azjenda kollha, ċerti rekwiżiti statutorji fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin imsemmija b'mod partikolari fl-Annessi II u III tar-Regolament Nru 73/2009. F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Anness II tar-Regolament Nru 73/2009 kien jipprevedi, fir-rigward tar-rekwiżiti statutorji ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikoli 4 u 5 tiegħu, l-obbligu li jiġu osservati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43, l-Anness III tar-Regolament Nru 73/2009, dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija

fl-Artikolu 6 tiegħu, kien jimponi ż-żamma tal-elementi tal-pajsaġġ inkluż, fejn xieraq, tal-hedges, tal-għadajjar, tat-trinek għall-ilma, tas-siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u tal-marġni tal-għelieqi.

48 Tali rekwiżiti jirriżultaw ukoll mir-Regolament Provinċjali Nru 36/2005 ta' Pommern tal-Punent dwar il-pjan ta' protezzjoni tal-park pajsaġġistiku ta' Ińsko, li jeskludi installazzjonijiet ġodda ta' protezzjoni kontra l-għargħar użati esklużivament għal finijiet ta' drenaġġ u jipprevedi b'mod partikolari t-titjib taż-żamma tal-ilma, l-abbandun tal-manutenzjoni tal-fosos tad-drenaġġ jew ukoll l-imblokk tal-fluss tal-ilma.

49 Issa, interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' "newba tal-uċuħ tar-raba'", bħal dik difiża mid-Direttur tad-Dipartiment Reġjonali tal-Aġenzija għar-Ristrutturazzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura, li tkopri l-għargħar jew it-tgħaddis naturali u perjodiċi ta' artijiet li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali, li teskludi minħabba dan il-fatt l-artijiet ikkonċernati mid-definizzjoni ta' "mergħat permanenti" u li konsegwentement b'dan il-mod iċċaħħad lill-bdiewa minn pagamenti diretti, minkejja li huma jkunu kkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti statutorji ambjentali applikabbli, tmur kontra l-għan imfakkar fil-punt 45 ta' din is-sentenza u tirriskja li tiddisswadi lil dawn il-bdiewa milli jużaw, bħala mergħat permanenti, artijiet li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali, minkejja li s-siti ikkonċernati jipprovdu tipi varji ta' bażi għall-habitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43, li jippermettu l-manutenzjoni tal-popolazzjonijiet ta' speċi tal-fawna u l-flora selvaġġa.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma humiex eskluži mid-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mergħat jew bwar li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali u li jkunu suġġetti għal għargħar jew għal tgħaddis naturali u perjodiċi, peress li tali għargħar jew tgħaddis ma jwasslux, fihom innifishom, għal "newba tal-uċuħ tar-raba'" fuq l-artijiet ikkonċernati, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

## Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din tal-aħħar li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa għandu jiġi interpretat fis-sens li ma humiex eskluži mid-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mergħat jew bwar li jinsabu f'żona ta' protezzjoni speċjali u li jkunu suġġetti għal għargħar jew għal tgħaddis naturali u perjodiċi, peress li tali għargħar jew tgħaddis ma jwasslux, fihom innifishom, għal "newba tal-uċuħ tar-raba'" fuq l-artijiet ikkonċernati, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.**

Firem